MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2005

Avviz Numru. 201/2005

**P.J. Sutters Company Limited**

**vs**

**Bay Point Hotel Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn hames mija u tlieta u tletin Lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu (LM2,533.77,0), rapprezentanti merkanzija mibjugha lilhom mis-socjeta' attrici mill-4 t'Ottubru tas-sena 2004 sal-14 ta' Frar tas-sena 2005, skond l-istatement hawn anness u mmarkat bhala Dok. PJ 1;**

**Bl-ispejjez u l-imghax mid-data tal-konsenja sad-data tal-hlas effettiv;**

**Rat in-nota ta' riduzzjoni attrici datata d-19 ta' Mejju tas-sena 2005 li permezz taghha, s-socjeta' attrici rriduciet it-talba ghal mitejn u tlieta u hamsin Lira Maltin u sebgha u erbghin centezmu, (LM253.47,0), stante pagament parzjali fil-mori tal-kawza;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fid-19 ta' Mejju tas-sena 2005 meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif ridotta u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Bay Point Hotel Limited thallas lis-socjeta' attrici PJ Sutters Company Limited l-ammont ta' mitejn u tlieta u hamsin Lira Maltin u sebgha u erbghin centezmu, (LM253.47,0), bl-ispejjez.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------